

Mistoqsija għal tweġiba orali O-0092/2010

Illi-Kummissjoni

Artikolu 115 tar-Regoli ta' Proċedura

Paolo De Castro, Véronique De Keyser, Jo Leinen, Adrian Severin

f'isem il-Grupp S&D

Liisa Jaakonsaari, Ivo Vajgl, Michael Cashman, Antigoni Papadopoulou, Vincent Peillon, Maria Eleni Koppa, Patrizia Toia, Jean Lambert, Tokia Saifi, Maria Da Graça Carvalho, Tanja Fajon, Edite Estrela, Marietje Schaake, Jutta Steinruck, Mariya Nedelcheva, Kriton Arsenis, Santiago Fisas Ayxela, María Muñiz De Urquiza, Hélène Flautre, Rui Tavares, Vincenzo Iovine, Sonia Alfano, Zoran Thaler, Michel Dantin, Vittorio Prodi, Anne Delvaux, Alexandra Thein, Kyriacos Triantaphyllides, Charles Goerens, Nikolaos Chountis, Kader Arif, Rodi Kratsa-Tsagaropoulou, Margrete Auken, Ioannis A. Tsoukalas, Roberto Gualtieri, Reinhard Bütkofer, Emilio Menéndez del Valle, Nicole Kiil-Nielsen, Raimon Obiols, Proinsias De Rossa, Antonyia Parvanova, Erminia Mazzoni, Guido Milana, Olga Sehnalová, Stephen Hughes, Kartika Tamara Liotard, Sajjad Karim, Isabelle Durant, José Manuel Fernandes, Patrick Le Hyaric, Izaskun Bilbao Barandica, Gabriele Albertini, Malika Benarab-Attou, Rosario Crocetta, Thijs Berman, Pavel Poc, Daciana Octavia Sârbu, Richard Howitt, Ana Gomes, Ioan Enciu, Hans-Gert Pöttering, Marek Siwiec, Corina Crețu

Suġġett: Is-sitwazzjoni tax-Xmara Ġordan b'attenzjoni speċjalisti għall-inħawi tal-parti ta' isfel tax-Xmara Ġordan

Ix-Xmara Ġordan hi waħda mill-aktar xmajjar notevoli tal-pjaneta tagħna. Hija pajżaqg kulturali ta' sinifikat universali ta' importanza storika, simbolika, reliġjuża, ambientali, agrikola, ekonomika, eċċ. għall-Ġharab u l-Iżraeljani, għall-Insara, il-Lhud, il-Musulmani u oħrajn.

Madankollu, ix-Xmara Ġordan qed tinqed għal kollo minħabba sfruttament żejjed, triġġis u nuqqas ta' ġestjoni reġjonali. Huwa stmat li 98 % tar-riżorsi tal-ilma ħelu tax-Xmara ġew indirizzati xi mkien ieħor mill-Iżrael, mill-Ġordan u mis-Sirja, bir-riżultat li ntilef 50 % tal-bijodiversità.

Kull ma għad fadal fix-Xmara Ġordan hu l-iskart tal-produzzjoni agrikola, il-miġjiet bil-melħ spostjati u dranaġġ mhux trattat. Waqt li l-bini ta' ċentri ġoddha għat-ṭarġi tal-ġibbi u mormi intenzjonati biex ineħħu s-sustanzi li jniġġu b'mod serju hu kisba kbira, jekk dan l-avvanz ma jingħaqad mal-allokazzjoni tar-riżorsi tal-ilma ħelu, is-sitwazzjoni ma tistax ma tmurx għall-aġħar. Għaldaqstant, jekk ma tittihid azzjoni konkreta, biċċiet twal tal-parti ta' isfel tax-Xmara Ġordan se jinxfu sal-aħħar tal-2011.

Ir-riabilitazzjoni tax-Xmara Ġordan, u b'mod partikulari l-parti ta' isfel tagħha, hi ta' importanza kbira għall-komunitajiet lokali Iżraeljani, Ġordaniżi u Palestiņjani li jaqsmu l-istess sfidi tal-ilma, u toffri beneficiċċi ekonomiċi u li jibnu l-fiduċċja enormi. Koperazzjoni attiva bejn il-gvernijiet u l-komunitajiet lokali kkonċernati tista' tkun kontribut ewlieni għall-isforzi għall-paċi reġjonali.

Diversi atturi internazzjonali, inkluża l-Assemblea Parlamentari Ewro-Mediterranja, indirizzaw is-sitwazzjoni tax-Xmara Ġordan. L-appoġġ tal-UE wkoll jista' jkun deċiżiv. Waqt li jitqies li l-UE tipprovd fondi estensivi għall-proġetti ta' żvilupp fil-Lvant Nofsani u impenjat ruħha għall-proċess ta' paċi fil-Lvant Nofsani, il-Kummissjoni identifikat ir-riabilitazzjoni tax-Xmara Ġordan, u b'mod partikulari l-parti ta' isfel tagħha, bħala priorità għall-paċi u l-iżvilupp fir-reġjun? Kif jistgħu l-UE u l-Istati Membri tagħha jkomplu jħeġġu u jappoġġaw, anke fil-qafas tas-sħubija bejn l-UE u l-Mediterran, l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' pjan ta' ġestjoni kompreksiva biex titranda l-qerda li saret fix-Xmara Ġordan, waqt li jissaħħew ukoll id-dimensjoni ta' bini ta' fiduċċja ta' dawn l-isforzi?

Imressqa: 16.6.2010

Mgħoddija: 18.6.2010

L-iskadenza għat-tweġiba: 25.6.2010